**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.M., LL.D.**

**Appell Nru: 375/2015**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Saviour Agius**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant, Saviour Agius, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 203278M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Frar 2004 u matul l-aħħar erba' xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi u li kienu magħmulin b'risoluzzjoni waħda, ġo San Ġiljan u fi bnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti:

a) Biegħ jew offra li jbiegħ droga psikotropika u ristretta (ecstasy), kontenenti s-sustanza *methylendioxyamphetamine* li hija kkontrollata u ristretta bil-liġi taħt it-Tielet Skeda, parti (a) tal-Ordinanza dwar il-Progessjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kellu l-ebda awtorizzazzjoni u permess bl-imsemmija liġi, sabiex ikun fil-pussess tal-imsemmija sustanza;

b) Kellu fl-istess zmien, data u ċirkostanzi fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 sub inċiz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 40(a) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-uzu esklussiv tiegħu;
c) Kellu fl-istess zmien, data u ċirkostanzi fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 sub inciz 1 tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif susegwentement emendat u 40(A) u 120(A) u t-Tielet Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professioni Medika u l-Professionijiet li għandhom x'jaqsmu magħha, Kap. 31 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat;
d) Ukoll talli nhar it-12 ta' Frar 2004 ġewwa Raħal Ġdid kellu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-6 ta' Lulju 2015, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(i) u (ii) u 120A(2B) tal-Kap.31 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, l-Artikolu 8(a) u 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Artikoli 4(1) u (2) tal-Kap. 537, ir-Regolament 9 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9, sabet lill-imputat mhux ħati tal-imputazzjoni (a) kif dedotta kontra tiegħu u tal-addebitu tal-kontinwita' tar-reati ai termini tal-Artikolu 18 tal-Kap. 9 u lliberatu minnhom, fil-waqt illi sabitu ħati tal-imputazzjonijiet (b), (c) u (d) u kkundannatu fir-rigward tal-imputazzjoni (b) u (c) (bir-reat fl-imputazzjoni (c) assorbit fl-imputazzjoni (b)), għal piena ta' tmien xhur priġunerija effettiva u multa ta' tmien mitt Euro (€800) li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tista' titħallas mill-ħati b'rati mensili u konsekuttivi ta' ħamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar minn meta l-ħati jiskonta l-piena karċerarja li ġiet erogata permezz ta' dik is-sentenza u għal dan il-għan, ir-Reġistratur għandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karċerarji. Madankollu, jekk il ħati jonqos li jħallas pagament wieħed, il-bilanċ jiġi dovut

minnufih u jiġi kkonvertit fi priġunerija skond il-liġi. *In oltre*, fir-rigward tal-imputazzjoni (f), il-Qorti kkundannat lill-ħati għall-penali ta' ħamsin Euro (€50).

Rat ir-rikors tal-appellant, Saviour Agius, pprezentat fis-16 ta' Lulju 2015, fejn talab lil din l-Qorti tvarja s-sentenza mogħtija fl-ismijiet premessi nhar is-6 ta' Lulju 2015 billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn ma sabitux ħati tal-akkuza mmarkata (a), tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti li sabitu ħati tal-akkuzi mmarkati (b), (c) u (d), tvarjaha f'dik il-parti fejn huwa ġie kkundannat għal terminu effettiv ta' għaxar xhur (10) priġunerija, *oltre* multa ta' tmien mija u ħamsin ewro (€850) u penali ta' ħamsin ewro (€50) u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Rat it-talba magħmula mill-appellant fis-seduta tal-21 ta' Frar 2018 sabiex din il-Qorti fit-termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta tassumi l-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-Droga.

Rat illi permezz ta' digriet datat it-22 ta' Novembru 2019, il-Qorti laqgħat din it-talba u konsegwentement wara li assumiet il-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, rreferiet lill-appellant quddiem il-Bord tar-Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 u ordnat il-komunika tad-digriet tagħha lil dan il-Bord sabiex hu jottempera ruħu ma' dak dispost fl-artikolu 8(10) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan permezz ta' nota bil-miktub.

Rat il-konklużjoni tal-Bord milħuqa nhar is-27 ta' Lulju 2021, u għalhekk fit-terminu preskritt mill-artikolu 8(5) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn il-Bord informa lill-Qorti li mhuwiex sodisfatt bil-proċess ta' riabilitazzjoni tal-appellant Saviour Agius, stante li ma kienx hemm progress, u għalhekk għalaq il-kaz tiegħu fis-seduta tat-22 ta' Lulju 2021.

Semgħet lir-rapprezentant tal-Bord, Joanna Buhagiar Fiott, nhar l-24 ta' Settembru 2021, fejn l-istess spjegat li l-appellant, wara li kien wera progress, kien reġa qabad it-triq il-ħazina u ma kienx baqa' jattendi għas-sessjonijiet ippjanati għalih. Ukoll,

irrizulta mil-kampjuni tal-urina li l-appellant kien reġa qiegħed jabbuża mid-droga u li m'għandux il-motivazzjoni meħtieġa sabiex jirrijabilita ruħu.

Rat illi fid-dawl tal-konkluzjonijiet milħuqa mill-Bord, il-Qorti ma setatx tkompli taqdi il-funzjoni tagħha ta' Qorti dwar id-Droga u għalhekk ordnat il-prosegwiment tas-smigħ tal-appell fuq l-aggravji imressqa mill-appellant.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi għalkemm fuq talba ta'l-appellant, il-Qorti, b'digriet tat-22 ta' Novembru 2019, kienet assumiet il-funżjoni ta' Qorti dwar id-Droga, madanakollu billi jidher illi l-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabbdu bid-Droga, wara li eżamina l-fatti, ikkonsidra li l-appellant ma weriex impenn lejn ir-riabilitazzjoni tiegħu, sabiex il-każ tiegħu kellu eżitu negattiv, qiegħda tirrevoka d-digriet surriferit u minflok tipproċedi bis-smigħ tal-appell u dana fit-termini tal-Artikolu 8(4) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* sottopost għal gudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna unikament il-piena erogata mill-Ewwel Qorti għall-akkużi li dwarhom l-appellant ġie misjub ħati, liema piena l-appellant jisħaq li għandha tkun waħda aktar miti u idoneja fiċ-ċirkostanzi.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena

mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod *"wrong in principle"* jew *"manifestly excessive"* -

> ***... The principle nulla poena sine lege does not mean or imply that a Court of Criminal Justice has to go into any particular detail as to the nature and quantum of the punishment meted out, or, where the Court has a wide margin of discretion with various degrees and latitudes of punishment, that it has to spell out in mathematical or other form, the logical process leading to the quantum of punishment. This is also the position in English Law. As stated in Blackstone's Criminal Practice 2004:***
>
> ***"Save where the statutory provisions mentioned below apply, there is no obligation on the judge to explain the reasons for his sentence. However, the Court of Appeal has encouraged the giving of reasons, and has indicated that that should certainly be done if the sentence might seem unduly severe in the absence of explanation…It has been held that failure by the sentencing court to give reasons when required to do so does not invalidate the sentence…although the failure may no doubt be taken into account by the appellate court should the offender appeal. Where the sentencer does give reasons and what he says indicates an error of principle in the way he approached his task, the Court of Appeal sometimes reduces the sentence even though the penalty was not in itself excessive. Similarly a failure by the judge to state expressly that he is taking into account any guilty plea, although contrary to [statutory provision], does not oblige the Court of Appeal to interfere with what is otherwise an appropriate sentence…"***
>
> ***As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (supra):***
>
> ***""The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to 8 individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe***

> ***side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."***
>
> ***This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction.[1]***

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi d-deċizjoni ta'l-Ewwel Qorti li teroga il-piena ta' tmien xhur priġunerija effettivi u multa ta' €800 fuq l-appellant kienet waħda ben motivata. *In oltre*, din il-Qorti lanqas ma tista' tinjora l-fatt illi għalkemm anke issa fi stadju ta' revizjoni saru tentattivi kbar sabiex l-appellant jiġi megħjun jegħleb il-vizzju tad-droga, sfortunatament huwa reġa' qabad it-triq il-ħazina. Fil-fatt għalkemm għal xi żmien l-appellant kien qiegħed juri impenn lejn ir-rijabilitazzjoni tiegħu, madanakollu dan l-impenn kellu ħajja qasira u b'dispjaċir il-Qorti innutat illi huwa ma kienx b'saħħtu biżżejjed biex joħroġ minn dan il-vizzju qerriedi, tant illi preżentement jinsab inkarċerat. Dan ifisser illi l-Qorti ma tista' ssib ebda mottiv li jista' iġiegħlha titbiegħed mid-diskrezzjoni ezerċitata mill-Ewwel Qorti meta din ġiet biex teroga il-piena, piena li *del resto* hija waħda li tqarreb ħafna lejn il-minimu. Tittama illi fil-perijodu fejn l-appellant ser ikun inkarċerat huwa jużufruwixxi ruħu mis-servizzi li jingħataw lir-residenti ġewwa l-Facilita' ta' Kordin sabiex jipprova jirriforma ħajtu.

**Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier tagħha, b'dan illi tagħmel appell lid-Direttur tas-Servizzi Korrettivi ta' Kordin sabiex fil-perijodu fejn l-appellant ser ikun inkarċerat huwa jingħata l-għajnuna kollha li għandu bżonn sabiex jegħleb il-vizzju tad-droga.**

**Edwina Grima**

**Imħallef**

---

[1] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.